**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 21 t' April, 2017**

**Talba Nru: 145/2017 PM1**

**Mifsud Garage Limited (C 14654)**

**Vs**

**Brian Construction Limited (C34492)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta' Marzu, 2017 illi permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet li t-Tribunal jiddikjara li, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, is-socjeta` intimata hija debitrici taghha fis-somma ta' elf u tmienja u sittin euro u sitta u erbghin centezmi (€1068.46) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi varji ta' transport rezi mill-istess socjeta` attrici favur is-socjeta` intimata u jikkundanna lill-istess socjeta` intimata thallas l-istess somma lis-socjeta` attrici bl-ispejjez u bl-

imghaxijiet legali mill-24 ta’ Marzu, 2014 u inkluzi l-ispejjez legali tal-ittri interpellatorji tal-24 ta’ Marzu, 2014 u 1 ta’ Lulju, 2016 u tal-ittra ufficjali tas-6 ta’ Lulju, 2016.

Ra li s-socjeta` intimata naqset milli tipprezenta r-risposta taghha entro t-terminu stipulat fil-ligi.

Ra li s-socjeta` intimata lanqas ma attendiet ghas-seduta tal-lum.

Sema’ x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici Anthony Gellel fis-sens illi l-ammont reklamat ghadu kollu dovut mis-socjeta` intimata u kkonferma l-istess ammont bil-gurament tieghu.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi t-Tribunal sema’ l-verzjoni moghtija minn Anthony Gellel fis-seduta tal-lum stess li kkonferma l-ammont mitlub permezz tal-kawza odjerna u kif ukoll li, wara li giet intavolata l-azzjoni odjerna, ma sar ebda pagament mis-socjeta` intimata.

Illi tenut kont tal-fatt li a tenur tal-art. 9 tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta’ Malta il-proceduri odjerni ghandhom jinstemghu sommarjament u sa fejn huwa possibbli jigu decizi f’seduta wahda.

Illi tenut kont li s-socjeta` intimata la ressqet ebda risposta ghat-talba attrici u lanqas ma dehru r-rapprezentanti taghha sabiex jikkontestaw it-talba odjerna u lanqas ma tressqet ebda gustifikazzjoni ghal tali nuqqas u dana minkejja li jirrizulta mill-atti li giet debitament notifikata fit-28 ta’ Marzu, 2017.

Illi skont l-art. 13 tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta’ Malta il-kawza tista’ tigi deciza ukoll fin-nuqqas tal-konvenut.

It-Tribunal isib li t-talba odjerna konfermata bil-gurament hija veritiera u timmerita li tigi akkolta bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif mitluba stante li jirrizulta li l-

obbligazzjoni mertu tal-kawza odjerna hija wahda kummercjali u s-socjeta` attrici ssofriet spejjez a tenur tal-art. 10 tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-istess socjeta’ attrici is-somma ta’ elf u tmienja u sittin euro u sitta u erbghin centezmi (€1068.46) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ghal servizzi ta’ transport rezi mill-istess socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta flimkien mal-imghaxijiet bir-rata legali mill-24 ta’ Marzu, 2014 bl-ispejjez kollha kif mitluba, inkluzi wkoll tal-ittri legali datati 24 ta’ Marzu, 2014 u 1 ta’ Lulju, 2016 kif ukoll tal-ittra ufficjali tas-6 ta’ Lulju, 2016 kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**